MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 114/2006

**Corinthia Palace Hotel**

**vs**

**Admantech Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 t' April tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu, (LM1,927.66,0), rapprezentanti bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghal prezz ta' servizzi moghtija lilha mill-lukanda Corinthia Jerma Palace

fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta, u dan kif jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-5 ta’ Dicembru tas-sena 2003 u l-ittra u ta’ l-ittra ufficcjali tat-23 ta’ Settembru tas-sena 2004, u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta’ Novembru tas-sena 2000 sa l-effettiv pagament;

3. Illi s-socjeta’ konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci nonostante li giet debitament notifikata u inghatat l-opportunita’ iggib il-kaz taghha skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ konvenuta jirrizulta li permezz ta’ fax datat il-11 ta’ Dicembru tas-sena 2000 assumiet id-debitu dovut lis-socjeta’ attrici mill-persuna indikata fl-istess fax;

Illi nonostante li s-socjeta’ attrici ghamlet diversi tentattivi biex tithallas dan l-ammont lilha dovut, dan kien kollu inutili;

Illi skond il-fattura pprezentata fl-atti ta’ din il-procedura, (ara fol 11 et sequitur), l-ammont mitlub hu effettivament dovut;

Illi s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Admantech Limited biex thallas l-ammont ta’ elf disa’ mija u seba’ u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu, (LM 1,927.66,0), lis-socjeta’ attrici Corinthia Palace Hotel Company Limited, bl-ispejjez kif minnha mitluba skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------